Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0312

Il-pjan propost u l-impenn tal-UE favur paċi ġusta u dejjiema għall-Ukrajna

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar il-pjan propost u l-impenn tal-UE favur paċi ġusta u dejjiema għall-Ukrajna (2025/3001(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Barranin, li fiha esprimew l-appoġġ tagħhom favur paċi ġusta u dejjiema fl-Ewropa, tal-24 ta’ Novembru 2025,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-għan tal-UE jibqa’ paċi ġusta u dejjiema msejsa fuq id-dritt internazzjonali u li tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, l-indipendenza u s-sovranità tal-Ukrajna; billi r-Russja b’mod konsistenti ma turi l-ebda interess fil-paċi u qed tkompli tattakka ċ-ċivili Ukreni u l-infrastruttura tal-Ukrajna; billi l-inizjattiva biex tintemm il-gwerra li ġiet approvata reċentement mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti qajmet tħassib leġittimu dwar l-impenn tal-Istati Uniti favur id-dritt internazzjonali u s-sigurtà tal-Ewropa u tal-Ukrajna;

1. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jassumu aktar responsabbiltà għas-sigurtà fil-kontinent Ewropew, jipprovdu appoġġ sod lill-Ukrajna filwaqt li jimpenjaw ruħhom b’mod attiv favur paċi dejjiema; jenfasizza li kwalunkwe ftehim li jkollu l-għan li jtemm il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jmur ferm lil hinn mir-Russja u l-Ukrajna, u jkollu implikazzjonijiet profondi għall-ordni ta’ sigurtà Ewropew; jinsisti, f’dan il-kuntest, li m’għandu jiġi deċiż xejn dwar l-Ukrajna mingħajr l-Ukrajna, u xejn dwar l-Ewropa mingħajr l-Ewropa;

2. Jinnota l-isforzi mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti biex tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, iżda jqis li l-ambivalenza tal-politika tal-Istati Uniti fir-rigward tal-Ukrajna hija ta' detriment għall-objettiv li tinkiseb paċi sostenibbli; jinsisti, għalhekk, li l-UE u l-Istati Membri tagħha juru tmexxija f'dan il-mument ġeopolitiku kruċjali u jkomplu jaħdmu mal-Istati Uniti u mas-sħab tal-istess fehma biex jiżguraw li n-negozjati għal paċi ġusta u dejjiema għall-Ukrajna jkunu msejsa fuq il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, imwettqa *in bona fide* u jistinkaw favur tmiem definittiv għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;

3. Jissottolinja li strateġija Ewropea għall-paċi fl-Ukrajna trid tkun ibbażata fuq id-dritt internazzjonali, issaħħaħ is-sigurtà Ewropea, tippreserva u tirrestawra s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tkun aċċettabbli għall-Ukrajna u għall-poplu tagħha, kif ukoll isservi bħala l-bażi għal kwalunkwe negozjar diplomatiku ulterjuri; itenni li l-paċi ma tistax tinkiseb billi wieħed iċedi għall-aggressur, iżda tirrikjedi appoġġ sod u sostnut għall-Ukrajna u deterrenza adegwata biex ir-Russja ma tirrepetix l-aggressjoni tagħha fil-futur;

4. Iqis li, fid-dawl tal-istorja ta' ksur sfaċċat min-naħa tar-Russja ta' ftehimiet legalment vinkolanti preċedenti, impenji li tirrispetta s-sovranità tal-ġirien tagħha u l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali, kwalunkwe ftehim dwar paċi sostenibbli se jkollu jiġi preċedut minn waqfien mill-ġlied u appoġġjat minn miżuri effettivi biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-impenji u biex jiġi skoraġġut id-dewmien fit-twettiq tal-obbligi, u jkun mirfud minn garanziji ta' sigurtà robusti tal-UE u tal-Istati Uniti lill-Ukrajna li se jipprevjenu u b'mod immedjat jaġixxu kontra kwalunkwe tiġdid tal-aggressjonijiet;

5. Jissottolinja li kwalunkwe ftehim ta' paċi ma jridx ipoġġi limitazzjonijiet fuq il-ħila tal-Ukrajna li tiddefendi s-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tagħha u, bħala effett ta' dan, jagħmilha vulnerabbli għal attakki futuri; jissottolinja li tali ftehim irid joffri garanziji ta' sigurtà kredibbli lill-Ukrajna li jammontaw għal-livell tal-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Washington u l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u jevita ripetizzjoni tal-Memorandum ta' Budapest tal-1994, u jikkonferma mill-ġdid li l-Ukrajna għandha l-libertà li tagħżel l-alleanzi politiċi u tas-sigurtà tagħha b'mod ħieles minn kwalunkwe veto Russu;

6. Jissottolinja li kwalunkwe ftehim ta' paċi jeħtieġlu jobbliga lir-Russja tikkumpensa għalkollox lill-Ukrajna għall-ħsara materjali u immaterjali kollha li kkawżat; jenfasizza li kwalunkwe ftehim bħal dan irid jiggarantixxi responsabbiltà sħiħa fl-ambitu tad-dritt internazzjonali għad-delitt tal-aggressjoni u d-delitti tal-gwerra mwettqa mir-Russja, mill-alleati tagħha u mill-forzi bi prokura tagħha kontra l-Ukrajna u l-poplu tal-Ukrajna, quddiem il-Qorti Kriminali

Internazzjonali u t-Tribunal Speċjali għad-Delitt tal-Aggressjoni; jenfasizza, barra minn hekk, li l-ftehim irid jiggarantixxi wkoll ir-ritorn tal-priġunieri tal-gwerra, tad-detenuti ċivili u tat-tfal Ukreni maħtufa kollha, kif ukoll l-irtirar tal-forzi Russi kollha mit-territorju tal-Ukrajna rikonoxxut internazzjonalment;

7. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw, mingħajr dewmien ulterjuri, “self marbut mar-reparazzjonijiet” legalment u finanzjarjament sod lill-Ukrajna, appoġġjat bl-assi Russi ffriżati; jenfasizza li d-destin u l-kundizzjonijiet tal-investiment ta’ dawn l-assi mhumiex kwistjoni li tista’ tiġi nnegozjat mingħajr l-UE;

8. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li t-territorju Ukren temporanjament okkupat mhux se jiġi rikonoxxut legalment mill-UE u mill-Istati Membri tagħha bħala territorju Russu; jenfasizza, barra minn hekk, li bħala parti mill-garanziji robusti ta’ sigurtà internazzjonali u sabiex jiġi pprevenut kwalunkwe ksur futur tas-sovranità u tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, għandha tintbagħat missjoni internazzjonali robusta ta’ żamma tal-paċi u ta’ osservazzjoni b’mandat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fuq iż-żewġ naħat tal-linja ta’ kuntatt; itenni, minħabba s-sitwazzjoni volatili attwali tas-sigurtà fl-Ewropa, l-importanza li tinżamm preżenza militari tan-NATO u tal-Istati Uniti tul ix-xaqliba tal-Lvant peress li hija kruċjali biex tiġi żgurata l-istabbiltà tar-reġjun; jenfasizza li jekk tinkiseb paċi ġusta bejn l-Ukrajna u r-Russja, l-UE, l-Istati Membri tagħha, l-Istati Uniti u s-sħab tal-istess fehma se jkollhom rwol kruċjali x’jaqdu biex jiggarantixxu l-implimentazzjoni tagħha;

9. Jissottolinja li kwalunkwe ftehim mar-Russja għandu jinkludi impenn min-naħa tar-Russja li twaqqaf minnufih il-gwerra ibrida tagħha kontra l-UE u s-sħab tagħha, inkluża l-Ukrajna;

10. Jinsisti li l-ebda sanzjoni mhi se titneħħa qabel ma jiġi negozjat u implimentat ftehim ta’ paċi; jistieden lill-UE, fil-każ li r-Russja tirrifjuta li tissieħeb f’taħditiet ta’ paċi serji, timponi aktar sanzjonijiet sostanzjali;

11. Jinsab konvint li negozjati ġenwini, appoġġjati mis-saħħa politika, militari u ekonomika kollha tal-komunità trans-Atlantika u s-sħab internazzjonali tagħha, jistgħu jistabbilixxu paċi komprensiva, ġusta u dejjiema għall-Ukrajna, u jwittu t-triq għal irkupru ekonomiku u soċjali ġust u inklużiv;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kungress tal-Istati Uniti u lill-awtoritajiet Russi.